MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2008

Numru 40/2008

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Attard talli matul Ottubru 2002 f'Ta' l-Ghansar, San Lawrenz, Ghawdex, (1) ghamel vjolazzjoni ta' proprjeta` lid-dententur Carmel Cauchi mill-Gzira u (2) ezercita jedd li jippretendi li ghandu u fixkel lil Carmel Cuachi fil-pussess ta' hwejgu. Il-Qorti giet mitluba wkoll biex f'kaz ta' htija torbot lill-imputat b'garanzija personali taht penali ta' multa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha dik il-Qorti

sabet lill-imsemmi Joseph Attard hati skond l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli 340 (d), 34 u 85 tal-Kodici Kriminali kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' €58 fuq l-ewwel akkuza u ghall-hlas ta' €116 fuq it-tieni akkuza. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija stante li ma dehrilhiex li saret xi moltestja fuq il-persuna tal-kwerelant;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Attard minnu intavolat fit-12 ta' Frar, 2008 li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza appellata bili tikkonfermaha fil-parti fejn il-Qorti ghazlet li ma timponi ebda garanzija personali u astjeniet minnha, u tirrevokaha ghal kumplament;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

L-aggravju sottomess mill-appellanti fir-rikors tieghu huwa impostat f'dawn it-termini:-

(1) L-allegata xatba twahhlet fit-8 ta' Settembru 2002 u mhux fix-xahar ta' Ottubru ta' l-istess sena;

(2) Minn imkien mill-provi ma rrizulta illi l-kwerelant kellu xi dritt jghaddi minn fuq l-art proprjeta` tieghu;

(3) F'kull kaz ma saret ebda identifikazzjoni mill-Prosekuzzjoni ta' l-art ghall-eliminazzjoni ta' kull dubju ragonevoli dwarha;

(4) L-art proprjeta` tieghu ma kienet mghobbija b'ebda servitu u lanqas ma gie provat illi l-kwerelant kellu xi dritt jghaddi minn fuqha;

(5) Kull koncessjoni b'mera tolleranza li hu seta' ghamel ghaf-favur ta' terzi ma kienx ghal daqshekk jintitola lil xi persuna ohra li tivvanta dritt ta' passagg minn fuq l-art tieghu;

Fil-qosor, il-fatti li taw lok ghal kawza, u kif hekk irrizultaw quddiem din il-Qorti, kienu dawn:-

(1) Bi skrittura tas-7 ta' Jannar, 2002 (ara kopja a fol. 8) il-kwerelant Carmel Cauchi kera minghand Martin Debrincat raba' f'Ta' l-Ghansar limiti ta' San Lawrenz ghal skop ta' nsib. Jinghad f' din l-istess skrittura illi r-raba' kien qed jigi affittat "bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, inkluz id-dritt ta' passagg mill-mghodija li twassal ghaliha minn Triq Wied Merill";

(2) Il-kwerelant jiddikjara li hu ghamel uzu minn dan il-passagg ghalkemm l-imputat kien qallu biex ma jidholx minnu. Dan il-passagg imiss mal-barriera ta' l-imputat u minnu l-kwerelant kien jghaddi bil-vann biex jaccedi ghar-raba' lokat lilu. L-istess kwerelant jghid li qabel il-passagg kien hemm speci ta' kanna li hu kien jisposta biex jissokta fi triqtu. Jghid ukoll li meta gie biex jghaddi f'Ottubru, 2002 sab li kienet saret xatba li ghal bidu ma kienetx tissakkar b'katnazz;

(3) Ix-xhud Martin Debrincat iddepona li fl-24 ta' Ottubru 2002 sab il-gate bil-katnazz, talab kopja tac-cavetta lill-imputat u dan cahhdu minnha. Huwa sostna li minn dejjem ghadda mill-passagg li jaghti ghar-raba' tieghu kif hekk ukoll ghamlu gabillotti ohra. L-istess xhud jikkontendi li skond il-kuntratt esebit minnu quddiem l-ewwel Qorti jezisti dritt ta' passagg minn Wied Merill;

(4) Ix-xhieda Perit Teddie Busuttil u Loreto Spiteri, li wkoll kienu jonsbu fir-raba' ta' Martin Debrincat, xehdu li huma kienu jaghmlu uzu mill-passagg imsemmi;

(5) Minn naha tieghu l-appellant xehed li l-passagg kien jaghti ghall-barriera tieghu u dan kien gie krejat minn Victor Bigeni li minghandu kien xtara l-art. Huwa kien ghamel kanna ghas-sigurta ta' l-ingenji u l-attrezzi li kellu fil-barriera. Din il-kanna, pero`, ma kienetx tissakkar. Kien ghal habta tat-8 ta' Settembru 2002 li

ghamel ix-xatba bil-katnazz. Zied jghid li l-moghdija ghar-raba' ta' Debrincat hu minn band'ohra;

Premessi dawn il-fatti, gie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artiklu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravvenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta` jew ghad-detenzjoni;

Bhala fatt irrizulta mill-provi li meta l-imputat ghamel ix-xatba li tissakkar b'katnazz huwa ostakola d-dhul mill-passagg ghall-kwerelanti b'mod li dan gie kompletament impedut milli jaccedi, almenu permezz ta' dak l-istess passagg, ghar-raba' mqabbel u detenut minnu. Ankorke, kellu jigi injorat il-kuntratt esebit u, ankorke, gratia argomenti,il-passagg ma kienx jikkostitwixxi servitu predjali fuq l-art ta' l-appellant, ma jistax, imbaghad, lanqas jinghad li l-akkuza ma tregix, la darba dak il-passagg kien hekk servjenti ghall-godiment tar-raba' detenut. Pjuttost, il-Qorti tirraviza illi b'dik l-azzjoni tieghu l-imputat kiser l-arrangament li kien jezisti bejn il-kwerelat u Debrincat u, aktar minn hekk, il-*modus vivendi* li kien jezisti minn zmien bl-uzu ta' dak il-passagg. Ara ghal certi aspetti fuq din il-materja s-sentenzi fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Philip Agius**" u “**Il-Pulizija -vs- Saviour Gauci**" decizi rispettivament mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-25 ta' Jannar, 1958 u 25 ta' Ottubru, 1958;

Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni. Ara "**Il-Pulizija -vs- George Zahra**", Appell Kriminali, 16 ta' Lulju, 1958;

Minn ezami komparattiv tal-provi, u l-aktar dak tal-kredibilita, din il-Qorti tinklina biex taccetta l-versjoni tal-kwerelanti u tax-xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni illi huma kienu jaghmlu uzu mill-passagg bla xkiel sakemm ma gewx disturbati b'mod definittiv f'dan l-uzu mill-appellanti. Fuq dan il-punt jinsab enuncjat minn din il-Qorti illi "taht l-Artikolu 85 ma hemm ebda bzonn illi jigi pruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried li jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll, kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke is-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati" ("**Il-Pulizija -vs- John Vassallo**", 22 ta' Marzu, 1991;

Accertata l-ezistenza tal-pussess fil-kwerelanti, huwa konkordament ricevut fil-gurisprudenza taghna illi l-elementi kostitutivi tar-reat ta' "*ragion fattasi*", ex Artikolu 85 tal-Kapitolu 9, huma erbgha, u cjoe:-

(1) "Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor;
(2) Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(3) Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika;
(4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi."

(Ara Appelli Kriminali "**Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**", 14 ta' Dicembru, 1957 u "**Il-Pulizija -vs- Michael Lungaro *et***", 15 ta' Mejju, 2003);

Huwa skontat illi sar att vjolattiv mill-imputat meta dan, habta u sabta, ghamel ix-xatba b'katnazz li jissakkar. Huwa wkoll skontat illi ghall-kwerelanti dan l-att uzurpattiv sar f'Ottubru 2002 meta hu gie, ghal dik ir-raguni l-ohra, imfixkel milli jghaddi mill-passagg ghar-raba' mqabbel,

anke jekk jinsorgi d-dubju jekk f'dan fl-istess zmien, minn dak rakkontat mill-kwerelant innifsu, izda mhux ukoll mix-xhud Martin Debrincat u mill-istess appellant, ix-xatba kienetx ukoll tissakkar b'katnazz. Dak li hu, pero`, cert hu illi dik l-istess xatba saret almenu kontra l-opposizzjoni prezunta ta' Carmel Cauchi tant li dan ipproceda bil-kwerela debita kontra l-imputat;

Issa huwa veru li l-appellanti jistqarr li dak li ghamel, sar biex jindokra hwejgu u jikkostudixxi l-proprjeta` tieghu. Jibqa' l-fatt illi l-ezercizzju minnu ghat-tharis tad-drittijiet proprjetarji tieghu ma kellux isir bil-mod arbitrarju maghzul minnu. Kif sewwa osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali in re: "**Il-Pulizija -vs- Antonio Cremona**", 22 ta' April, 1961, "id-disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' *ragion fattasi* hija intiza biex il-privat, li jippretendi xi drittijiet, ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dik tat-tribunali, meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li jippretendi li ghandu";

Lanqas ma tiswa s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi hu kien jippermetti l-uzu tal-passagg b'mera tollerenza tieghu ghaliex, kif ukoll gie osservat, "il-pretensjoni ta' l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel" ("**Il-Pulizija -vs- Anthony Micallef**", Appell Kriminali, 30 ta' Lulju, 2004).

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------